Minuti tas-37 laqgha tal-hames Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Hamis 28 ta' Mejju, 2009. Il-laqgha nbdiet hin 6.35pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Dimitrius Agius |
| | Carmen Vella |
| | Sunta Camilleri |
| **Ufficjali:** | |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-35 u 36 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tal-35 u 36 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

**2. Fuljett 3 snin hidma.**

2.1 Il-Kunsill qabel unanimament li issa li qed toqrob lejn tmiemha il-hames legizlazzjoni tal-Kunsill ghandu jigi ippublikat il-fuljett 3 snin hidma li jkun jinkludi informazzjoni dwar il-hidma tal-Kunsill matul l-ahhar 3 snin kif ukoll il-pjan ta' xoghol ghall-4 snin li gejjin.

**3. Applikazzjonijiet ghal Rural Development Fund.**

3.1 Is-Sindku spjega illi matul l-ahhar jiem issokta ix-xoghol estensiz biex jigi ippreparat id-dokumentazzjoni mehtiega biex jigu sottomessi applikazzjonijiet taht ir-Rural Development Fund. Il-Kunsill ser ikun qed jissottometti progett wiehed li jinqasam taht zewg mizuri li huma 323 Conservation and upgrading of the rural heritage u 313 encouragement of tourism activities. Taht l-ewwel mizura ser issir applikazzjoni ghar-restawr ta' salib tal-pjazza, arkata fi Triq Sdieri, kappelli taz-Zejt u ta' San Dimitri u restawr ta' hitan tas-sejjieh f'diversi widien fosthom ta' Cini, il-Wileg, San Dimitri, Wied il-Raghab, ta' l-Ispizjar u Wied il-Knisja. Taht it-tieni mizura ser issir applikazzjoni li tinkludi heritage trail, access pubbliku ghal siti ta' landscape naturali, restawr tal-muzew tal-folklore, holqien ta' centru ta' arti u snajja gewwa ta' Dbiegi fejn jigu esebiti talenti indigeni, tabelli u ghamara tat-triq kif ukoll ICT platform li tinkludi tour virtwali tal-lokalita' u titjib fis-sit elettroniku biex jinkludi l-aspett rural ital-villagg. Iz-zewg progetti flimkien jiswew €2.5 miljun.

3.2 Is-Sindku spjega illi id-data tal-eghluq biex jigu sottomessi dawn l-applikazzjonijiet hija l-ghada, jigifieri il-Gimgha 29 ta' Mejju, 2009. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn l-applikazzjonijiet ghandhom jigu sottomessi.

3.3 Is-Sindku ta' xi informazzjoni addizzjonali dwar dawn l-applikazzjonijiet fosthom li jekk jigu approvati, il-ko-finanzjament relatat mal-muzew tal-folklore ser ikun qed isir mis-sid stess. Is-Sindku spjega wkoll illi kellu diversi laqghat u diskussjonijiet mal-arcipriet u l-kleru fir-rigward tar-restawr tal-faccata tal-Knisja u l-kappelli u li fir-rigward tal-kappelli taz-zejt u ta' san dimitri gie iffirmat 'guardianship agreement' ta' 10 snin mar-rettur Dun Achille Cauchi filwaqt li gie iffirmat ukoll 'guardianship agreement' fir-rigward tal-Gharb Folklore Museum mas-sid is-Sur Silvio Felice. Gie spjegat illi ghar-restawr tal-faccata tal-Knisja kienet ser issir applikazzjoni separata minn dawk tal-Kunsill u din l-applikazzjoni kienet ser tigi sottomessa direttament mill-Parrocca. Gie spjegat ukoll illi inghatat l-ghajnuna mehtiega biex din l-applikazzjoni issir kemm min naha tal-MEUSAC kif ukoll min naha tal-Kunsill pero finalment kien hemm decizjoni mill-Parrocca illi din l-applikazzjoni ma tigix sottomessa minhabba li l-ammont ta' ko-finanzjament huwa inaccessibbli ghall-parrocca. Is-Sindku spjega wkoll illi Paul Curmi ghen lill-Kunsill fil-mili tal-applikazzjonijiet. Gie spjegat ukoll illi bhala data proposta ta' meta ser jibda il-progett inghatat id-data ta' April 2010 meta il-progett kurrenti ta' Wied il-Mielah ikun wasal lejn it-tmiem tieghu.

3.4 Is-Sindku irrefera ghal Memo 25/2009 – Fondi ghal htigijiet specjali - fejn spjega li d-data tal-eghluq biex isiru applikazzjonijiet taht din il-Memo hija wkoll id-29 ta' Mejju u spjega illi giet imhejjija ittra ta' applikazzjoni ghal titjib fic-changing room u showers fi Triq Tumas Cassar, biex isir il-playing field fl-istess zona u biex il-ground isir bit-turf b'somma totali mitluba tammonta ghal €175,000. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-applikazzjoni ghandha tigi sottomessa.

3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-kumitat LAG ta' Ghawdex li tieghu huwa Chairman flimkien ma zewg rapprezentanti mill-Kunsilli Lokali ghan-nom tal-Kunsilli Ghawdxin, issottometta applikazzjoni biex ikun kostitwit ufficjalment u biex ikun jista' jibni l-istruttura tieghu permezz ta' fondi ewropej.

3.6 Dwar il-progett ta' Wied il-Mielah ERDF 022 is-Sindku informa lill-Kunsill illi ix-xogholijiet fuq il-hitan tas-sejjieh ser jibdew fl-1 ta' Lulju, 2009. Ix-xogholijiet fuq it-triq huma ippjanati li jsiru mill-barumbara 'l isfel u wara li jsiru x-xogholijiet tar-rising main jitkomplew ix-xogholijiet fil-parti ta' fuq tat-triq.

3.7 Dimitrius Agius staqsa dwar meta ser terga' tehel l-irhama tal-ground tal-futbol. Is-Sindku spjega illi hekk kif ikunu lesti x-xogholijiet l-irhama ghandha terga' tehel. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-ground li kien imsemmi ghall-Perit Wigi Portelli ghandu jibqa jzomm dan l-isem.

3.8 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jigu installati 12 floodlights fil-ground tal-futbol. Is-Sindku spjega illi il-Ministeru ghal Ghawdex ser ikunu qed jghinu fil-provvista u ta' dawn il-floodlights. Il-kuntrattur tad-dawl tal-Kunsill Richard Cauchi ser jaghmel ix-xoghol ta' installazzjoni skond il-kuntratt.

3.9 Dimitrius Agius qal illi l-Gvern Centrali ghandu jintalab jaghmel tennis court fiz-zona ta' madwar il-ground tal-futbol. Dan peress illi t-tennis court li kien hemm f'ta' Dbiegi Crafts Village tnehha u minfloku inbnew aktar huts.

**4. Approvazzjoni ta' hlasijiet.**

4.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

4.2 Il-Kunsill tratta invoice mill-Kunsill Lokali Nadur datata 27/04/09 ghas-somma ta' €349.40 bhala bilanc fuq servizz ta' banda barranija li kienet tat servizz fil-Karnival Gharb 2006. Il-Kunsill qabel illi ghalkemm kien hemm ftehim verbali bejn iz-zewg Sindki li l-Kunsill Lokali Gharb ser ihallas LM50 ta' dak is-servizz, ghandu jsir il-hlas ta' €349.40 u b'hekk jinghalaq il-kaz.

4.3 Giet trattata talba ghal hlas ta' €60 minn Miriam Debrincat li qalet li carrtet it-tyre tal-karozza mal-hadid tat-tinda ta' Seher il-Punent. Il-Kunsill qabel li jhallas l-ammont mitlub u ser jaghmel *claim* lill-*insurance* dwar dan.

**5. Korrispondenza u materji ohra.**

5.1 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:-
Mill-Gozo College Principal talba lill-Kunsill biex jikkontribwixxi fl-istampar ta' ktejjeb tal-PSD – 'Is-Sigra tal-Hajja' ghall-istudenti tal-Year 6 ghas-somma ta' €31.50. Il-Kunsill qabel unanimament peress li din hija inizjattiva edukattiva.

5.2 Minghand is-Sur Charles Bezzina fir-rigward ta' kotba godda li ghandu ghall-bejgh dwar Il-Vittmi Ghawdxin tat-tieni Gwerra u The Gozo Airfield total ta' €10.50. Il-Kunsill qabel li jixtri kopja minn kull ktieb ghal-librerija.

5.3 Mill-Malta Communications Authority fir-rigward ta' l-iskema PC4NGOs fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex iqassam il-fuljetti lil NGOs stabbiliti fil-komunita'.

5.4 Mic-Centru Parrokkjali fir-rigward tal-attivita' Lejla Sajfija li ser issir fit-13 ta' Gunju, 2009. Il-Kunsill qabel li jghin fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita' kulturali.

5.5 Mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fir-rigward ta' LivComs – Award Internazzjonali fil-qasam tat-tmexxija sostenibbli tal-ibliet.

5.6 Mill-KNZ fir-rigward tal-Parlament Nazzjonali taz-Zghazagh fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jaghzel 4 partecipanti mil-lokalita'.

5.7 Mir-Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu ir-risposta li inghatat lis-Sur Caruana li kien gibed l-attenzjoni dwar l-istat hazin tal-Istatwi tal-Via Crucis fuq t'Ghammar u l-kundizzjoni hazina li tinsab fiha t-triq tal-muntanja.

5.8 Mill-Fondazzjoni Oasi fir-rigward tal-Kuncert Riflessi Sajfin fejn il-Kunsill gie mitlub jaghti donazzjoni.

5.9 Mill-Interreg IVC fejn il-Kunsill gie infurmat li l-Applikazzjoni 0832R2 PHEDREP ma lahqitx il-kriterji tal-eligibilta' mehtiega.

6.0Mill-MEPA:
Acknowledgement of Receipt of Application for Development Permission PA02067/09 – Restore of Village Cross Monument.
Notification of Consultation – PA2067/09 Restore of Village Cross Monument.
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp – PA1866/09, PA161/09 & PA1460/09.

6.1Mill-Gozo College invit ghas-Sindku sabiex jattendi ghall-quddiesa gewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Ghajnsielem.

6.2Mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali:
Memo 31/2009 – Rapport dwar l-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali.
Memo 30/2009 – Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (Gunju 2009).
Avviz Legali gdid numru 144 fir-rigward tal-Gemellaggi.

6.3Minghand Melita Power Services fir-rigward ta' prodotti ta' immanigjar ta' skart.

6.4Mill-Bord ta' Evalwazzjoni dwar Skema Energy Saving fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill giet ikkunsidrata elegibbli ghall-fondi u ghalhekk il-Kunsill gie mistieden jattendi ghall-prezentazzjoni ufficjali. Is-Sindku spjega illi wara li huwa attenda ghal din il-prezentazzjoni li saret Tas-Sliema fil-25 ta' Mejju, u l-Kunsill gie moghti is-somma ta' €2900.

6.5Mid-Direttorat ghal servizzi edukattivi fir-rigward tal-iskema STEPS.

6.6Mill-Handicapped Rehabilitation Fund fejn il-Kunsill gie mitlub jaghti ghajnuna permezz ta' donazzjoni u fil-gbir ta' fondi. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi il-borza lill-kap tal-iskola biex jekk taqbel taghmel gabra fost l-istudenti.

**Pagna 5 Minuti tas-37 laqgha**

6.7 Ittra minghand l-Onor. Tonio Borg, Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Affarijiet Barranin fir-rigward ta' kuncert li ser jittella b'risq il-vittmi mat-terremot f'l'Aquila fejn il-Ministru stieden lill-Kunsill jaghmel kontribuzzjoni finanzjarji.

6.8 Minn Taran Arrigo fir-rigward ta' equipment tal-fitness ta' barra.

Il-laqgha spiccat hin 7.15pm.

Konfermati minn

David Agius
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv